A.L. 160 ta' l-1989

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, l-Aġent Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 846 ta' l-1949.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1990.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-partita 11 tagħha minflok il-kliem "Biex wieħed iżomm u juża" għandhom jidħlu l-kliem "Biex wieħed iżomm jew juża";

(b) minflok il-partita 13 tagħha għandu jidħol dan li ġej:—

"13. Biex wieħed iżomm jew juża dgħajsa li taħdem bil-makna jew inġenju li jaħdem bil-makna, magħduda *pleasure boat* (barra minn dawk imsemmija speċifikament x'imkien ieħor f'din l-Iskeda) meta d-dgħajsa jkollha makna ta'

minn 10 sa 25 h.p.	Lm14 fis-sena
iżjed minn 25 sa 50 h.p.	Lm18 fis-sena
iżjed minn 50 sa 150 h.p.	Lm25 fis-sena
iżjed minn 150 h.p.	Lm30 fis-sena:

Iżda għall-għoti ta' liċenza dwar *pleasure boat* għandu jinġabar dan id-dritt:

meta d-dgħajsa jkollha makna ta'	
minn 10 sa 25 h.p.	Lm150
iżjed minn 25 sa 50 h.p.	Lm200
iżjed minn 50 sa 150 h.p.	Lm250
iżjed minn 150 h.p.	Lm300.

Għall-fini ta' din il-partita, '*pleasure boat*' tfisser dawk l-inġenji kollha li ma jkunux maħsuba li jitħaddmu bl-imqadef, li jkollhom makna ta' iktar minn 10 h.p., u, mix-xorta tal-bini jew kostruzzjoni jew użu tagħhom, huma meqjusa bħala *pleasure boats* mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Inġenji li jkunu reġistrati mad-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd għal għanijiet ta' sajd ma jiġux ħekk reġistrati kemm-il darba sidhom ma jipproduċix lid-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd ċertifikat minn *shipwright* kwalifikat fis-sens li l-imsemmija inġenji jkunu mibnija u maħsuba għal għanijiet tas-sajd.";

(ċ) fil-partita 62 tagħha, minflok il-kliem minn "Iżda ma' l-ewwel ħruġ" sa "2000cm³ ..... Lm300" għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda ma' l-għoti ta' liċenza dwar karozza privata għall-użu ta' dik il-karozza għandhom jitħallsu, b'żieda mad-dritt li jitħallas kif jingħad qabel skond din il-partita, id-drittijiet li ġejjin:

(a) meta l-kapaċità tal-makna tal-karozza tkun inqas minn 1,000cm³ dritt ta' .	Lm40
(b) meta l-kapaċità tal-makna tal-karozza tkun bejn 1,000cm³ u 1,499 cm³	Lm75
(ċ) meta l-kapaċità tal-makna tal-karozza tkun bejn 1,500 cm³ u 1,999 cm³ ...	Lm250
(d) meta l-kapaċità tal-makna tal-karozza tkun iżjed minn 2,000 cm³	Lm500"; u

(d) fil-partita 69 tagħha, minflok il-kliem minn "f'din l-Iskeda —" sa "Lm10 fis-sena" għandhom jidħlu l-kliem "f'din l-Iskeda, meta s-sid reġistrat tal-vettura bil-mutur ma joqgħodx fil-Belt Valletta ..... Lm10 fis-sena:".